MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2009

Avviz Numru. 141/2007

**George u Maria Dolores**
**konjugi Ciantar**

**vs**

**Rena Bartolo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur fuq indikat datat it-18 ta' Mejju tas-sena 2007 li permezz tieghu r-rikorrenti sejhu lill-intimata quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas lir-rikorrenti dik is-somma li tigi talvolta likwidata minn din il-qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, liema somma ma teccedix it-tlett elef Lira

Maltin (LM3,000.00,0), rapprezentanti servigi resi lill-intimata waqt il-perjodu kollu ta’ l-gherusija ta’ l-intimata ma’ binhom Dennis Ciantar, prevja dikjarazzjoni li l-intimata hija responsabbli ghall-hlas ta’ tali servigi lir-rikorrenti;

2. Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 1334/07 prezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimata ngunta in subizzjoni;

Rat ir-risposta ta’ l-intimata datata is-26 ta’ Gunju tas-sena 2007 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi preliminarjament din il-kawza hi intempestiva u dana peress illi r-rikorrenti qatt ma nterpellaw lill-intimata dwar il-mertu tal-kawza odjerna, izda sempliciment qabdu u ntavolaw il-kawza minghajr lanqas biss semplici interpellazzjoni verbali, u ghaldaqstant indipendentement mill-ezitu tal-kawza l-intimata m’ghandhiex tbaghti spejjez gudizzjarji;

2. Illi preliminarjament ukoll kull talba ghall-allegati servigi li tmur lura ghall-perjodu li jeccedi l-hames snin mid-data tal-prezentata tal-avviz odjern hi preskritta bi preskrizzjoni kwinkwennali, u dan ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, u dana peress illi r-rikorrenti qatt ma pprestaw xi servigi lill-intimata u l-uniku “servizz” li jista’ remotament jinghad li r-rikorrenti pprestaw lill-intimata kien li gieli tawha tiekol, liema “servizz” ma giex mitlub mill-intimata anzi kienu r-rikorrenti u binhom li kienu jinsistu li tiekol ghandhom u anke’ gieli kontra x-xewqa taghha, u liema “servizz” dejjem gie rez mir-rikorrenti gratuwitament;

4. Illi jinghad ukoll illi l-intimata minn naha taghha kienet tassisti lir-rikorrenti f'dak kollu li jkollhom bzonn meta kienu hekk jitolbuha, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana dejjem fi spirtu ta' liberalita`, fl-isfond tar-rispett reciproku li kien ezistenti bejn il-kontendenti fiz-zmien li ghalih jirreferi l-avviz odjern, u ghaldaqstant illum hadd mill-partijiet ma jista' jippretendi li jithallas ghal dak li gie pprestat gratuwitament minhabba li r-rispett li kien jezisti bejn il-partijiet jidher li gie mxellef;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat il-verbal taghha datat is-27 ta' Gunju tas-sena 2007 li permezz tieghu ordnat li f'dan l-istadju l-provi jkunu limitati ghall-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimata;

Semghet ix-xhieda prodotta fir-rigward;

Ezaminat l-affidavitijiet ipprezentati darbtejn fl-atti odjerni, (ara fol 16 u fol 21);

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali ta' l-intimata;

Ikkunsidrat:

Illi l-procedura odjerna hi f'dan l-istadju limitata ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-intimata – it-tnejn ta' natura preliminari;

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni hekk sollevata ghandu jinghad mill-ewwel li din ma treggix u dan, kemm ghaliex m'hemm l-ebda obbligu statutorju li rikorrent b'xi mod jinforma lill-kontroparti bl-intezjonijiet tieghu fir-rigward, kemm ukoll ghaliex tul il-procedura l-partijiet kellhom diversi okkazzjonijiet fejn setghu epuraw id-divergenzi li jista' jkollhom u ghalhekk l-intempestivita` li seta` forsi kien hemm fil-bidu ta' din il-procedura tmewtet

kompletament meta l-partijiet bdew jesploraw xi tip ta' rimedju aktar ghaqli minn dak l-eventwalment qed isibu ruhhom fih;

Illi ghaldaqstant, din il-qorti qed tirrespingi l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimata, bl-ispejjez;

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni eccezzjoni preliminari ghandu jinghad is-segwenti:

Illi din l-eccezzjoni hi ppernjata fuq l-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistabillixxi li ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' hlasijiet ta' djun dovuti minn transazzjonijiet kummercjali jew minn kwalsiasi kawza ohra, din l-azzjoni hi preskritta bit-terminu ta' hames (5) snin;

Illi in succint, fl-iskadenza ta' hames (5) snin minn meta jkun konkretizzat l-obbligu in dizamina, u meta dan ma jigix b'xi mod interrott, il-kreditur ma jkunx jista` jaderixxi ghall-azzjoni gudizzjarja biex jigbor dak li hu jippretendi li hu dovut;

Ikkunsidrat:

Illi skond id-deposizzjonijiet in atti jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-intimata kienet ghamlet perjodu gharusa lill-iben ir-rikorrenti konjugi Ciantar;

2. Illi jidher li l-intimata u iben ir-rikorrenti damu madwar sitt (6) snin f'din ir-relazzjoni, (ara fol 16 u fol 21), jew hames snin u nofs, (ara fol 28);

3. Illi jirrizulta li din ir-relazzjoni intemmet fl-ahhar ta' Gunju tas-sena 2006;

4. Illi peress li r-rikorrenti hassewhom umiljati bl-agir ta' l-intimata, iddecidew li jifthu din il-procedura li giet ghalhekk intavolata f'Mejju tas-sena 2007;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk jirrizulta li l-perjodu operattiv li wiehed ghandu jezamina hu dak li minn Mejju 2007 jmur lura ghall-hames (5) snin, u cioe', sa Mejju 2002;

Illi nonostante li r-relazzjoni in dizamina tmur lura aktar minn dan il-perjodu, stante li kif jidher mid-deposizzjoni guramentata ta' l-intimata a fol 13, ir-rikorrenti ma jirrizultax li nterrompew il-preskrizzjoni skond il-ligi in tutela tad-drittijiet taghhom;

Ghaldaqstant qed takkolji t-tieni eccezzjoni sollevata mill-intimata u in vista tar-rizultanzi kif fuq esposti tiddetermina li l-mertu tal-procedura odjerna ghandu jkun limitat ghall-analizi tas-servigi li setghu gew rezi fil-perjodu minn Mejju 2002 sa Mejju 2007;

Ghaldaqstant ukoll tordna l-kontinwazzjoni ta' din il-procedura u tirrizerva li tappunta l-istess ghall-kontinwazzjon fuq il-mertu kif issa arginat, fl-udjenza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------